**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. DONATELLA M. FRENDO DIMECH LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Kumpilazzjoni Nru. 96/16**

**Illum, 18 t'April, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**
**(Spettur Mark Mercieca)**

**-vs-**

**Sean Micallef detentur tal-karta tal-identità bin-numru 271593(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imputat Sean Micallef talli : -

1. Nhar id-9 ta' Novembru 2015 u/jew matul il-ġranet ta' qabel, ikkommetta serq minn ġewwa residenza Nru 2, Triq Franġisk Mangion, Mosta għad-detriment ta' George Abela liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-ħin, bil-persuna u bil-valur li jaċċedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u disgħin ċenteżmu (€2329.37); Art. 263, 267, 268, 278(3) tal-Kap 9, Ligijiet ta' Malta.
2. Ikkommetta reat ta' serq, għa-liema reat hemm kontemplet peina ta' priġunerija, fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr Edwina Grima LL.D, nhar it-18 ta' Lulju 2012.

3. Irrenda ruġu, reċediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet lill-Ufficjali Proskeuturi jirtiraw it-tieni imputazzjoni.

Semghet ix-xhieda.

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni u wara li l-Qorti tatu zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu kkonferma l-istess ammissjoni.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfjacentement ippruvati. It-tieni imputazzjoni izda, hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu li hija prova tal-karattru refrattarju tieghu minn fejn jirrizulta illi l-imputat diga instab hati ta' reati simili bhal dawk li illum jinsab akkuzat dwarhom. Il-Qorti hi tal-fehma li piena karcerarja hi l-piena idonea.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 263, 267, 268, 278(3) u 289 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' prigunerija ghall-erbatax il-xahar.

Illi ghar-rigward tal-hlas tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, mill-proces verbal esebit in atti jirrizulta li l-espert PS122 Arthur Borg ghadu ma espletax l-inkarigu lilu moghti u ghalhekk ma jistghux jigu determinati definittivament l-ispejjez peritali. Ghalhekk il-hati ai termini tal-istess artikolu ghandu jhallas l-ammont ta' tlett mija tnejn u sebghin Euro u erba centezmi (€372.04), kif ukoll dawk l-ispejjez tal-esperti in konnessjoni ma' dawn il-proceduri li ghad iridu jigi determinati mir-Registratur ai termini tal-Artikolu 392C tal-Kap.IX tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lil hati ihallas is-somma ta' elf u disa mitt Euro (€1,900) lil parti leza u dana fi zmien sentejn minn meta jkun skonta kwalunkwe sentenza ta' prignerija imposta fuqu, ratealment b'pagamenti mensili.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**